# QORTI KRIMINALI

Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D.

**ATT TA' AKKUZA Nru: 19/2013**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**kontra**

**Matthew Mizzi**

Illum 5 ta' Ottubru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuża numru dsatax tas-sena elfejn u tlettax (2013) miġjuba kontra l-imsemmi Matthew Mizzi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 418486M:

Fejn l-Avukat Ġenerali fl-ewwel kap ippremetta:

Illi fit-tlettax (13) t` April tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkużat Matthew Mizzi flimkien ma` sieħbu Jonathan Coleiro ftehmu li jagħmlu *hold-up* f`ħanut bl-isem ta` *Seven Mobiles* li jinsab Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Fil-fatt l-akkużat Matthew Mizzi iddeċieda xjentment li jgħin u jassisti lil Jonathan Coleiro f`dan il-*hold-up* tant li fit- 13 t`April 2009 Matthew Mizzi ikkonsenja lil Jonathan Coleiro arma tan-nar (revolver) sabiex din l-arma tiġi eventwalment użata fl-imsemmi *hold-up*. Dakinhar stess għall-habta` tas-sitta u nofs ta` filgħaxija (18.30pm) Matthew Mizzi u Jonathan Coleiro marru flimkien Birkirkara b`vettura Hyundai LAA-741 misjuqa minn Matthew Mizzi bl-intenzjoni li jagħmlu din is-serqa.

X`ħin waslu hemm, Jonathan Coleiro daħal ġol- ħanut *Seven Mobiles* b`wiċċu mgħammad u armat bl-arma tan-nar (revolver) li kien taħ Matthew Mizzi u sab quddiem wiċċu lis-sid tal-ħanut ċertu Charles Zammit, heddu li se jweġġgħu, ipponta l-arma tan-nar li kellu f`idejħ u mill-ewwel spara tir lejn Charles Zammit pero` fortunatament ma` laqtux. Jonathan Coleiro żamm u ssekwestra lil Charles Zammit kontra l-volonta` tiegħu u giegħlu jidħol f`kamra oħra fl-istess ħanut sabiex ikun jista' jwettaq is-serqa mingħajr ebda xkiel. Waqt li Charles Zammit kien f`din il-kamra, Jonathan Coleiro seraq ammont ta` oġġetti minn dan il-ħanut fosthom tliet mobile phones u laptop u ħarab jiġri l-barra. Il-valur komplessiv ta` dawn l-oġġetti huwa ta` madwar elfejn erbgħa mija ħamsa u ħamsin ewro (2,455). Charles Zammit ħassu urtat b`dak li kien qiegħed jiġri quddiem għajnejħ u iddeċieda li jiġri wara dan il-malvivent sabiex jipprova jaqbdu u jisfratta din is-serqa. Waqt li Charles Zammit kien qiegħed jiġri warajħ, Jonathan Coleiro armat bir-revolver li taħ l-akkuzat Matthew Mizzi, dolozament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta` Charles Zammit f`periklu ċar, spara diversi tiri fid-direzzjoni tiegħu iżda b`xorti tajba tir wieħed biss laqat lil Charles Zammit fid-driegħ tax-xellug. Charles Zammit, minkejja li kien milqut b`tir t`arma tan-nar, xorta waħda baqa' jiġri wara Jonathan Coleiro pero` l-istess Jonathan Coleiro daħal fil-karozza Hyundai LAA-741 fejn kien qed jistenniħ l-akkużat Matthew Mizzi u telqu minn fuq il-post lejn Bormla. Minħabba din l-isparatura Charles Zammit kellu jiddaħħal l-isptar sabiex jiġi medikat pero` fortunatament il-grieħi li ġarrab ma kkawzawx il-mewt.

Wara li seħħ dan id-delitt il-Pulizija għamlet investigazzjoni intensiva li wasslitha tiddentifika lill-akkużat Matthew Mizzi bħala l-persuna li ħadet sehem f`dan id-delitt.

Illi b`għemilu l-imsemmi Matthew Mizzi sar ħati bħala kompliċi ta` serq ta` oġġetti tal-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u

tletin ċentezmu (2,329.37) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid, tentattiv t`omiċidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (għata tal-wiċċ) u valur.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f`isem ir-Repubblika ta` Malta jakkuża lil Matthew Mizzi ħati bħala kompliċi ta` serq ta` oġġetti tal-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid, tentattiv t`omiċidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (għata tal-wiċċ) u valur.

Jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għal-piena ta` priġunerija minn sitt snin sa għoxrin sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 42, 261(a)(b(ċ), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 273, 274 (b), 275, 276, 277, 278, 279 (b), 280, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-tieni kap ippremetta:

Illi fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija f'dan l-att t'akkuża u ċioe` fit-tlettax (13) ta` April tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkużat Matthew Mizzi flimkien ma` sieħbu Jonathan Coleiro ftehmu li jagħmlu *hold-up* f`ħanut bl-isem ta` *Seven Mobiles* li jinsab Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Fil-fatt l-akkużat Matthew Mizzi iddeċieda xjentment li jgħin u jassisti lil Jonathan Coleiro f`dan il-*hold-up* tant li dakinhar Matthew Mizzi ikkonsenja lil Jonathan Coleiro arma tan-nar (revolver) sabiex din l-arma tiġi eventwalment użata fl-imsemmi *hold-up*. Din l-arma tan-nar kienet mimlija b`ħames balal. Il-pussess ta` din it-tip t`arma tan-nar mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa projbit mil-Liġi u l-akkużat Matthew Mizzi ma kienx debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikollu pussess u kontroll ta` din l-arma tan-nar.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Mizzi sar ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009), kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew ġarr barra minn fond jew fid-dintorni tiegħu  arma tan-nar jew munizzjon mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Matthew Mizzi, ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew garr barra minn fond jew fid-dintorni tiegħu  arma tan-nar jew munizzjon mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlett xhur u mhux aktar minn ħames  snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 5(1), 51 (2)ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480), u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-tielet kap ippremetta:

Illi fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija f'dan l-att t'akkuża u ċioe` fit-tlettax (13) ta` April tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkużat Matthew Mizzi flimkien ma` sieħbu Jonathan Coleiro ftehmu li jagħmlu *hold-up* f`ħanut bl-isem ta` *Seven Mobiles* li jinsab Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Dakinhar stess għall-ħabta` tas-sitta u nofs ta` filgħaxija (18.30pm) Matthew Mizzi u Jonathan Coleiro marru flimkien Birkirkara b`vettura Hyundai bin-numru ta` reġistrazzjoni LAA-741 misjuqa minn Matthew Mizzi bl-intenzjoni li jagħmlu din is-serqa. Kif ġie spjegat aktar il-fuq f`dan l-att t`akkuża, din il-vettura Hyundai Accent LAA-741

misjuqa mill-akkużat Matthew Mizzi intużat mill-istess Matthew Mizzi u Jonathan Coleiro biex jaħarbu minn fuq il-post wara il-*hold-up*. Matthew Mizzi ma kellu l-ebda liċenza biex isuq din l-vettura.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Mizzi sar ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009), saq vettura Hyundai Accent LAA-741 mingħajr ma kellu liċenza tas-sewqan.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Matthew Mizzi, ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) saq vettura Hyundai Accent LAA-741 mingħajr ma kellu liċenza tas-sewqan.

Jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat iħallas multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 15(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fir-raba' kap ippremetta:

Illi fl-isfond taż-żmien, lok, fatti u ċirkostanzi imsemmija f'dan l-att t'akkuża u ċioe` fit-tlettax (13) ta` April tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkużat Matthew Mizzi wara l-*hold-up* li kkommetta flimkien ma` Jonathan Coleiro, mar l-Għassa ta` l-Imsida jirraporta li waqt li kien qiegħed Birkirkara jistenna lit-tfajla tiegħu,

ra persuna mgħammda tispara xi tiri u din l-istess l-persuna daħlet fil-vettura tiegħu, issekwestratu u qaltlu biex isuq inkella tisparalu.

Illi Matthew Mizzi vvinta din l-istorja lill-Pulizija u għamel rapport falz għaliex Matthew Mizzi kien jaf perfettament li Jonathan Coleiro mar Birkirkara biex jagħmel *hold-up* u hu kien qiegħed fil-vettura Hyundai LAA-741 jistenna propju lil Jonathan Coleiro sabiex wara s-serqa jaħarbu minn fuq il-post. Matthew Mizzi kien kompliċi ta` din is-serqa u mhux vittma kif ta` x`jifhem b`mod qarrieqi lill-Pulizija Eżekuttiva.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Mizzi sar ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b`qerq ħoloq traċċi ta` reat b`mod li jistgħu jinbdew proceduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Għaldaqstant, b'għemilu l-imsemmi Matthew Mizzi sar ħati talli fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) ddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b`qerq ħoloq traċċi ta` reat b`mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat piena ta` priġunerija għal żmien mhux aktar minn sena skont l-artikolu 110(2) u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha ta' l-proċess;

Rat il-verdett tal-ġurati tal-5 ta' Ottubru, 2015 li biħ:

**L-Ewwel Kap**

Il-ġurati bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra isibu lil Matthew Mizzi ħati skont l-ewwel kap tal-att tal-akkuza bl-aggravju tal-mezz, bl-aggravju tal-valur u bl-aggravju tal-vjolenza mingħajr it-tentattiv t'omiċidju u mingħajr l-użu tal-arma.

**It-Tieni Kap**

Il-ġurati unaninament isibu lil Matthew Mizzi mhux ħati skont it-tieni kap tal-att tal-akkuza.

**It-Tielet Kap**

Il-ġurati unaninament isibu lil Matthew Mizzi ħati skont it-tielet kap tal-att tal-akkuza.

**Ir-Raba' Kap**

Il-ġurati bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra isibu lil Matthew Mizzi ħati skont ir-raba' kap tal-att tal-akkuza.

Tiddikjara lil akkużat Matthew Mizzi ħati talli:

1. bħala kompliċi ta` serq ta` oġġetti tal-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (theddid u sekwestru tal-persuna), mezz (għata tal-wiċċ) u valur.

2. fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) saq il-vettura Hyundai Accent, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAA-741, mingħajr ma kellu liċenza tas-sewqan.

3. fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) ddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b`qerq ħoloq traċċi ta` reat b`mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Tiddikjara lil akkużat Matthew Mizzi mhux ħati talli:

1. fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew garr barra minn fond jew fid-dintorni tiegħu arma tan-nar jew munizzjon mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Michael Scriha.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Elaine Mercieca.

Rat l-artikoli 17, 23, 41(1)(a), 42, 110(2), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 276, 277, 278, 279(b) u 280 tal-Kodici Kriminali

Tikkundanna lil Matthew Mizzi għall-piena ta' sitt (6) snin u sitt (6) xhur priġunerija, minn liema terminu għandu jitnaqqas iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil ħati iħallas l-ammont ta' elfejn, erba' mija u tmienja u tletin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€2438.74) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess.

Tordna wkoll illi jekk l-ispejjeż ma jitħallsux immedjatament, dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija skont tal-liġi.

Rat l-artikolu 15(1)(a)(2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi hu jiġi inibit milli jotjeni kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmien (8) tijiem wara li jiskonta l-piena karċerarja.

Tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti f'din il-kawza.

(ft) Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Registratur